# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT: DR ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D. MAG. JUR (EU LAW)

**Seduta ta' nhar il-Hamis 10 ta' Mejju 2001**

Avviz numru 49/00G2

Maltacom p.l.c.

-vs-

Richard Ellis

Il-Qorti;

Rat l-Avvizipprezentat fit-3 ta' Lulju 2000 fejn is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut ihallas is-somma ta' hames mija u wiehed u tletin lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm531.69) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 554680 (CN-300044) skond kif jirrizulta mill-anness prospett (Dok B) liema servizz gie installat fil-fond 44, Triq il-Kbira, Victoria, Ghawdex skond kopja tas-service agreement anness (Dok A);

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, t-taxxa VAT fuq id-drittijiet professjonali u l-imghax legali kontra l-konvenut sad-data tal-hlas effettiv, minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal taghha tat-23 ta' Jananr 2001 fejn deher Joseph Debrincat in rapprezentanza tas-socjeta' attrici assistit minn Dr Grazio Mercieca u Dr Michael Grech ghall-konvenut u fejn l-attur irriduca t-talba tieghu ghall-mitejn u disghin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm290.19).

Stante li mill-atti processwali jirrizulta sodisfacentement pruvat li s-sorte dovut lis-socjeta' attrici hu ta' mitejn u disghin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm290.19) u stante li l-konvenut ma deherx biex jikkontesta din is-somma minnu dovut tieddeciedi l-kawza billi tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u disghin lira Maltin u dsatax-il centezmu rapprezenanti ammont bilancjali dovut minnu lis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 554680.

Bl-ispejjez kontra tieghu kif mitluba fl-avviz.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
Magistrat

Vera kopja

Ghar-Registratur